Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,183, 7 ta' Mejju, 2019
Taqsima B

A.L. 89 tal-2019

ATT GĦAT-TWAQQIF TA' AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI (KAP. 418)

Regolamenti tal-2019 dwar l-Aċċessibbiltà tas-Siti Elettroniċi u tal-Applikazzjonijiet Mobbli tal-Korpi tas-Settur Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(3) u 46 tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, il-Prim Ministru wara li jikkonsulta mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 dwar l-Aċċessibbiltà tas-Siti Elettroniċi u tal-Applikazzjonijiet Mobbli tal-Korpi tas-Settur Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"aċċessibbiltà" tfisser l-prinċipji u t-tekniċi li għandhom jiġu osservati waqt id-disinn, il-kostruzzjoni, iż-żamma u l-aġġornament ta' siti elettroniċi u ta' applikazzjonijiet mobbli sabiex dawn isiru aktar aċċessibbli għall-utenti, b'mod partikolari, iżda bl-ebda mod limitat, għall-persuni b'diżabilità;

"applikazzjoni mobbli" tfisser *software* applikattiv iddiżinjat u żviluppat, minn jew f'isem il-korpi tas-settur pubbliku, għal użu mill-pubbliku in ġenerali, f'apparat mobbli bħal *smartphones* u *tablets*. Dan ma jinkludix is-*software* li jikkontrolla dak l-apparat jew *hardware*;

"l-Att" tfisser l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u tinkludi kull regolament magħmul taħtu kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra; Kap. 418.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni kif stabbilita taħt l-Att;

"*data* dwar il-kejl" tfisser ir-riżultati kkwantifikati tal-

attività ta' monitoraġġ imwettqa sabiex tiġi verifikata l-konformità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli ta' korpi tas-settur pubbliku mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4. Din tkopri kemm informazzjoni kwantitattiva dwar il-kampjun ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli ittestjati, bħal għadd ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet flimkien ma', potenzjalment, għadd ta' viżitaturi jew utenti; u informazzjoni kwantitattiva dwar il-livell ta' aċċessibbiltà;

"Fajls fil-format tal-uffiċċju" tfisser dokumenti li mhumiex intenzjonati primarjament għall-użu fuq l-internet u li huma inklużi f'paġni fuq l-internet, bħal l-Adobe Portable Document Format (PDF), dokumenti tal-Microsoft Office jew l-ekwivalenti tagħhom (sors miftuħ);

"kontenut ta' siti elettroniċi u ta' applikazzjonijiet mobbli" tinkludi informazzjoni testwali kif ukoll dak mhux testwali, dokumenti u formoli li jistgħu jitniżżlu, u interazzjoni f'żewġ direzzjonijiet bħall-ipproċessar ta' formoli diġitali u t-twettiq ta' proċessi ta' awtentikazzjoni, identifikazzjoni u ħlas;

"korpi regolati bid-dritt pubbliku" tfisser korpi li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) huma stabbiliti għall-għan speċifiku li jilħqu l-eżiġenzi li jinqalgħu fl-interess ġenerali, mingħajr ma jkollhom ebda xeħta industrijali jew kummerċjali;

(b) ikollhom personalità ġuridika; u

(ċ) huma finanzjati, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, jew Awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku; jew huma soġġetti għas-superviżjoni maniġerjali minn dawk l-Awtoritajiet jew korpi; jew ikollhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħtura mill-Istat, Awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku;

"korp tas-settur pubbliku" tfisser l-awtoritajiet jew il-korpi tal-Istat, dawk reġjonali jew lokali regolati mid-dritt pubbliku, jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtoritajiet waħda jew aktar jew tali korpi wieħed jew aktar irregolati mid-dritt pubbliku, jekk dawk l-assoċjazzjonijiet huma stabbiliti għall-iskop speċifiku li jissodisfaw il-bżonnijiet fl-interess ġenerali, li ma jkunux ta' karattru industrijali jew kummerċjali;

"*media* temporali" tfisser *media* tat-tipi li ġejjin: awdjo-biss, vidjo-biss, awdjo-vidjo, awdjo u/jew vidjo kkombinati ma' interazzjoni;

"oġġetti f'kollezzjonijiet patrimonjali" tfisser oġġetti ta' proprjetà privata jew pubblika li jippreżentaw interess storiku, artistiku, arkeoloġiku, estetiku, xjentifiku jew tekniku u li jagħmlu parti minn kollezzjonijiet ippreservati minn istituzzjonijiet kulturali bħal libreriji, arkivji u mużewijiet;

"organizzazzjoni mhux governattiva" tfisser korp awtonomu volontarju stabbilit biex jintlaħqu objettivi essenzjalment mingħajr skop ta' qligħ;

"partijiet interessati" jinkludu persuni b'diżabilità, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' persuni b'diżabilità u tal-anzjani, is-sħab soċjali, l-industrija involuta fil-ħolqien ta' *software* tal-aċċessibbiltà relatat ma' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli u s-soċjetà ċivili;

"standard" tfisser speċifikazzjoni teknika, adottata minn korp tal-istandardizzazzjoni rikonoxxut, għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja, u li hija waħda minn dawn li ġejjin:

(a) "standard internazzjonali" tfisser standard adottat minn organizzazzjoni internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;

(b) "standard Ewropew" tfisser standard adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni;

(ċ) "standard armonizzat" tfisser standard Ewropew adottat fuq il-bażi ta' talba mill-Kummissjoni Ewropea għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-armonizzazzjoni; u

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

Skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti jistipulaw dispożizzjonijiet relatati mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, biex b'hekk dawn is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli jsiru aktar aċċessibbli għall-utenti, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità.

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli li ġejjin:

(a) is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tax-xandara tas-servizz pubbliku u tas-sussidjarji tagħhom, u ta' korpi oħrajn jew tas-sussidjarji tagħhom li jissodisfaw il-mandat tax-xandir tas-servizz pubbliku;

(b) is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li:

(i) ma jipprovdux servizzi li huma essenzjali għall-pubbliku, bħal servizzi li huma direttament inkarigati minn Awtoritajiet tal-Istat, reġjonali jew lokali; jew

(ii) ma jipprovdux servizzi li jindirizzaw speċifikament il-bżonnijiet ta', jew li huma maħsuba għal, persuni b'diżabilità;

(ċ) is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli ta' skejjel, *kindergartens* jew skejjel tat-trabi, ħlief il-kontenut tagħhom relatat ma' funzjonijiet amministrattivi essenzjali *online*:

Iżda, meta dak il-kontenut essenzjali jkun provdut b'mod aċċessibbli minn sit elettroniku ieħor, ma jeħtieġx li jkun aċċessibbli mill-ġdid fuq is-sit elettroniku tal-istabbiliment ikkonċernat.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-kontenut li ġej ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli:

(a) fajls fil-format tal-uffiċċju ppubblikati qabel it-23 ta' Settembru 2018, dment li tali kontenut ikunu meħtieġ għall-proċessi amministrattivi attivi relatati mas-servizzi mwettqa mill-korp tas-settur pubbliku konċernat;

(b) *media* temporali rrekordjata minn qabel, ippubblikata qabel it-23 ta' Settembru 2020;

(ċ) *media* temporali *live*:

Iżda *media* temporali *live* li jinżammu *online* jew li jiġu ppubblikati mill-ġdid wara x-xandira *live* għandhom jitqiesu bħala *media* temporali rrekordjata minn qabel mingħajr dewmien żejjed mid-data tal-ewwel xandira jew il-pubblikazzjoni mill-ġdid tal-*media* temporali, mingħajr ma jaqbżu l-ħin strettament meħtieġ biex il-*media* temporali jkunu aċċessibbli bi prijorità tingħata lil informazzjoni essenzjali dwar is-saħħa, il-benesseri u s-sigurtà tal-pubbliku, liema perijodu ta' żmien fil-prinċipju m'għandux ikun itwal minn erbatax-il (14) jum:

Iżda wkoll f'każijiet iġġustifikati, bħal meta jkun impossibbli li jipprokuraw is-servizzi rilevanti fi żmien dovut, dak il-perijodu jista' eċċezzjonalment jiġi estiż għall-inqas ħin meħtieġ sabiex il-kontenut isir aċċessibbli;

(d) servizzi ta' mapep u mmappjar *online*, sakemm l-informazzjoni essenzjali tkun ipprovduta b'mod diġitali aċċessibbli għal mapep maħsuba għal użu ta' navigazzjoni;

(e) kontenut ta' parti terza li la hu finanzjat u lanqas żviluppat minn, u lanqas taħt il-kontroll ta', il-korp tas-settur pubbliku kkonċernat:

Iżda fejn l-għan tal-kontenut ta' siti elettroniċi jew applikazzjonijiet mobbli ta' korpi tas-settur pubbliku, huwa li jagħmlu konsultazzjonijiet jew li jorganizzaw forum ta' diskussjonijiet, dak il-kontenut ma jitqiesx bħala kontenut ta' parti terza u mhuwiex eskluż mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti, ħlief fil-każ ta' kontenut ikkontribwit mill-utenti mhux fil-kontroll tal-korp tas-settur pubbliku konċernat.

(f) riproduzzjonijiet ta' oġġetti f'kollezzjonijiet patrimonjali li ma jistgħux ikunu kompletament aċċessibbli minħabba jew:

(i) l-inkompatibbiltà tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà jew mal-preservazzjoni tal-oġġett ikkonċernat jew mal-awtentiċità tar-riproduzzjoni, bħal kuntrast; jew

(ii) in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' soluzzjonijiet awtomatizzati u kost-effiċjenti li faċilment jestrarru t-test ta' manuskritti jew oġġetti oħra f'kollezzjonijiet patrimonjali u jittrasformah f'kontenut kompatibbli mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà;

(g) il-kontenut ta' *extranets* u *intranets*, li jfisser siti elettroniċi disponibbli biss għal grupp magħluq ta' persuni u mhux għall-pubbliku in ġenerali fih innifsu, ppubblikat qabel it-23 ta' Settembru 2019, sakemm tali siti elettroniċi jsirilhom reviżjoni sostanzjali;

(h) il-kontenut tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli li jikkwalifikaw bħala arkivji, li jfisser li dawn is-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli fihom biss kontenut li la huwa meħtieġ għal proċessi amministrattivi attivi u lanqas aġġornat jew editjat wara t-23 ta' Settembru 2019.

B 532

Rekwiżiti għall-aċċessibbiltà ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli.

4. Korpi tas-settur pubbliku għandhom jieħdu dawk il-miżuri neċessarji biex jagħmlu s-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tagħhom iktar aċċessibbli billi jagħmluhom:

(a) perċettibbli, li tfisser li l-komponenti tal-interfaċċa mal-informazzjoni u l-utent huma preżentabbli għall-utenti f'diversi modi li jistgħu jipperċepixxu;

(b) operabbli, li tfisser li l-komponenti tal-interfaċċa mal-utenti u n-navigazzjoni huma operabbli;

(ċ) li jinftiehmu, li tfisser li l-informazzjoni u t-tħaddim ta' interfaċċa tal-utent huma faċli biex jinftiehmu; u

(d) b'saħħithom, li tfisser li l-kontenut għandu jkun b'saħħtu biżżejjed li jkun jista' jiġi interpretat b'mod affidabbli permezz ta' varjetà wiesgħa ta' aġenti għall-utenti, inklużi teknoloġiji assistivi.

Piż sproporzjonat.

5. (1) Korpi tas-settur pubbliku għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 sa fejn dawk ir-rekwiżiti ma jimponux piż sproporzjonat fuq il-korpi tas-settur pubbliku għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

Iżda għall-finijiet ta’ dan ir-regolament, miżuri li jkunu jimponu piż sproporzjonat għandhom jinftiehmu bħala miżuri li jkunu jimponu piż organizzattiv jew finanzjarju eċċessiv fuq korp tas-settur pubbliku, jew li jipperikola l-kapaċità tal-korp biex jew jissodisfa l-għan tiegħu jew jippubblika l-informazzjoni meħtieġa għall-kompiti u s-servizzi tiegħu jew rilevanti għalihom, filwaqt li jitqies il-benefiċċju jew ħsara probabbli li jirriżultaw għaċ-ċittadini, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità:

Iżda wkoll huma biss raġunijiet leġittimi li għandhom jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe valutazzjoni tal-punt li għalih ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ma jistgħux jintlaħqu minħabba li f'dak il-każ dawn ikunu jimponu piż sproporzjonat; b’mod partikolari, nuqqas ta' prijorità, ħin jew għarfien m'għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet leġittimi, bl-istess mod, m'għandux jitqies li jkun hemm raġunijiet leġittimi biex ma jiġux akkwistati jew żviluppati sistemi ta' *software* għall-ġestjoni tal-kontenut fuq siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli b'mod aċċessibbli.

(2) Sabiex jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 timponi piż sproporzjonat, il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jiżguraw li jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti, inklużi dawn li ġejjin:

(a) id-daqs, ir-riżorsi u n-natura tal-korp tas-settur pubbliku konċernat; u

(b) l-ispejjeż u l-benefiċċji stmati għall-korp tas-settur pubbliku konċernat b'rabta mal-benefiċċji stmati għall-utenti, b'mod partikolari iżda bl-ebda mod limitat għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tas-sit elettroniku jew l-applikazzjoni mobbli speċifika.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), il-korp tas-settur pubbliku konċernat għandu jwettaq il-valutazzjoni inizjali ta' kemm il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fir-regolament 4 timponi piż sproporzjonat.

(4) Fejn korp tas-settur pubbliku jagħmel użu mid-deroga prevista fis-subregolament (1) għal sit elettroniku jew applikazzjoni mobbli speċifika, wara li jwettaq valutazzjoni kif imsemmija fis-subregolament (2), għandu jagħmel sforz biex jagħmel il-kontenut in kwistjoni kemm jista' jkun aċċessibbli u jagħmel kontenut ieħor kompletament aċċessibbli.

(5) Fejn korp tas-settur pubbliku jagħmel użu mid-deroga prevista fis-subregolament (1) għal sit elettroniku jew applikazzjoni mobbli speċifika, wara li jwettaq valutazzjoni kif imsemmija fis-subregolament (2), dan għandu jispjega, fid-dikjarazzjoni msemmija fir-regolament 7, il-parti jew il-partijiet tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li ma setgħux jiġu osservati u għandu, fejn xieraq, jipprovdi alternattivi aċċessibbli.

(6) Korpi tas-settur pubbliku għandhom jipprovdu lill-Kummissarju rapport bil-miktub fuq il-valutazzjoni inizjali imsemmija fis-subregolament (2) ta' kemm il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fir-regolament 4 timponi piż sproporzjonat u l-imsemmi rapport għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-alternattivi aċċessibbli imsemmija fis-subregolament (5):

Iżda, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tiegħu li jibda' investigazzjonijiet skont ir-regolament 9, l-Awtorità tista' tagħti opinjoni bil-miktub dwar ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tirċevih, fejn titlob lill-korp tas-settur pubbliku konċernat sabiex jieħu kwalunkwe miżuri li tqies neċessarji fiċ-ċirkostanzi. Tali opinjoni bil-miktub għandu jiġi mgħarraf lill-korp tas-settur pubbliku konċernat b'ittra reġistrata.

Preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà.

6. (1) Il-kontenut ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli li jissodisfa l-istandards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea

fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012, għandu jkun preżunt li jkun konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Fejn ma jkunu ġew ippubblikati ebda referenzi għall-istandards armonizzati msemmija fis-subregolament (1), il-kontenut tal-applikazzjonijiet mobbli li jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew partijiet minnhom li jistgħu jiġu stabiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jkun preżunt li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4, li huma koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew minn partijiet minnhom.

(3) Fejn ebda referenza għall-istandards armonizzati msemmija fis-subregolament (1) ma tkun ġiet ippubblikata, il-kontenut ta' siti elettroniċi li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tal-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015-04) jew partijiet minnu għandu jiġi preżunt li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 li huma koperti minn dawk ir-rekwiżiti rilevanti jew minn partijiet minnhom.

(4) Fejn ma tkun ġiet ippubblikata ebda referenza għall-istandards armonizzati msemmija fis-subregolament (1), u fin-nuqqas tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fis-subregolament (2), il-kontenut ta' applikazzjonijiet mobbli li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tal-Istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015-04) jew partijiet minnu għandu jkun preżunt li huwa f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 li huma koperti minn dawk ir-rekwiżiti rilevanti jew minn partijiet minnhom.

Miżuri addizzjonali.

7. (1) Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jipprovdu u jaġġornaw regolarment dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà dettaljata, komprensiva u ċara dwar il-konformità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tagħhom ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Għal siti elettroniċi, id-dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà għandha tingħata f'format aċċessibbli, bl-użu tal-mudell ta' dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà li tista' tiġi stabbilita permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea u għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku rilevanti.

(3) Għal applikazzjonijiet mobbli, id-dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà għandha tingħata f'format aċċessibbli, bl-użu tal-mudell ta' dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà li tista' tiġi stabbilita permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea u għandha tkun disponibbli fis-sit elettroniku tal-korp tas-settur pubbliku li

żviluppa l-applikazzjoni mobbli konċernata, jew flimkien ma' informazzjoni oħra disponibbli waqt it-tniżżil tal-applikazzjoni.

(4) Id-dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà għandha tinkludi: Kontenut tad-dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà.

(a) spjegazzjoni dwar dawk il-partijiet tal-kontenut li mhumiex aċċessibbli, u r-raġunijiet għal dak in-nuqqas ta' aċċessibbiltà u, fejn xieraq, l-alternattivi aċċessibbli previsti;

(b) deskrizzjoni ta', u link għal, mekkaniżmu ta' reazzjoni li jippermetti lil kwalunkwe persuna li tinnotifika lill-korp tas-settur pubbliku konċernat dwar kwalunkwe nuqqas tas-sit elettroniku jew l-applikazzjoni mobbli tiegħu li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4, u sabiex jitolbu informazzjoni eskluża skont is-subregolament (3) tar-regolament 3 u tar-regolament 5; u

(ċ) link għall-proċedura ta' eżekuzzjoni stabbilita fir-regolament 9 li wieħed jista' jirrikorri għaliha f'każ ta' tweġiba mhux sodisfaċenti jew ta' nuqqas ta' tweġiba għan-notifika jew it-talba.

(5) Fejn korp tas-settur pubbliku jirċievi notifika jew talba skont is-subregolament (4)(b), għandu jagħti risposta adegwata għal tali notifika jew talba fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol.

(6) L-Awtorità għandha tadotta miżuri sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 għal siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli li mhumiex ta' korpi tas-settur pubbliku u b'mod partikolari għal siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli koperti minn liġijiet nazzjonali eżistenti dwar aċċessibbiltà. Żmien li fih korp tas-settur pubbliku għandu jagħti risposta għal notifika jew talba.

(7) L-Awtorità għandha tippromwovi u tiffaċilita programmi ta' taħriġ, relatati mal-aċċessibbiltà ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli, għall-partijiet interessati rilevanti u l-persunal tal-korpi tas-settur pubbliku, maħsuba biex iħarrġuhom dwar kif joħolqu, jamministraw u jaġġornaw il-kontenut aċċessibbli ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli. Programmi ta' taħriġ.

(8) L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tqajjem kuxjenza dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4, tal-benefiċċji tagħhom għall-utenti u s-sidien ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli, u dwar il-possibbiltà li tingħata reazzjoni fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas minn korpi tas-settur pubbliku ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti kif stipulat f'dan ir-regolament. Tqajjim ta' kuxjenza.

Monitoraġġ u rappurtar.

8. (1) L-Awtorità għandha perjodikament tagħmel monitoraġġ tal-konformità tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4 abbażi tal-metodoloġija ta' monitoraġġ li tista' tiġi stabbilita permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

(2) Sat-23 ta' Diċembru 2021, u kull tliet (3) snin wara dan, l-Awtorità għandha tipprepara u tippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea rapport dwar l-eżitu tal-monitoraġġ, inkluża d-data ta' kejl. Dak ir-rapport għandu jitfassal fuq il-bażi tal-arranġamenti għar-rappurtar imsemmija fis-subregolament (4), u għandu jkopri wkoll l-informazzjoni dwar l-użu tal-proċedura ta' eżekuzzjoni stipulata fir-regolament 9.

(3) Fir-rigward tal-miżuri adottati skont ir-regolament 7, l-ewwel rapport għandu jkopri wkoll dan li ġej-

(a) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi stabbiliti għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti dwar l-aċċessibbiltà ta' siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli;

(b) il-proċeduri biex isir pubbliku kwalunkwe żvilupp fil-politika tal-aċċessibbiltà rigward siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli;

(ċ) l-esperjenzi u s-sejbiet mill-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati fir-regolament 4; u

(d) l-informazzjoni dwar taħriġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni:

Iżda, fejn saru bidliet sinifikanti fir-rigward tal-elementi ta' hawn fuq, l-Awtorità għandha tinkludi fir-rapporti sussegwenti tagħha nformazzjoni dwar dawk il-bidliet.

(4) Il-kontenut tar-rapporti kollha, li ma jeħtieġux li jelenkaw is-siti elettroniċi, l-applikazzjonijiet mobbli jew il-korpi tas-settur pubbliku eżaminati, għandu jkun disponibbli għall-pubbliku f'format aċċessibbli skont l-arranġamenti ta' rappurtar mill-Istati Membri li jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

Investigazzjonijiet u ilmenti.

9. (1) L-Awtorità għandha tibda investigazzjonijiet fuq s-sit elettroniku jew l-applikazzjoni mobbli ta' korp tas-settur pubbliku fejn għandha raġuni biex temmen li dak il-korp tas-settur pubbliku aġġixxa jew qed jaġġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità għandha wkoll tibda investigazzjonijiet fuq s-sit elettroniku jew l-applikazzjoni mobbli ta' korp tas-settur pubbliku malli jitressaq ilment bil-miktub minn xi persuna fejn qed tallega li dak il-korp tas-settur pubbliku provda tweġiba mhux sodisfaċenti jew naqas milli jipprovdi tweġiba għal notifika jew talba fil-perijodu speċifikat taħt is-subregolament (5) tar-regolament 7, jew aġġixxa jew qed jaġġixxi xort'oħra bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta tibda investigazzjoni skont is-subregolament (1) jew (2), l-Awtorità għandha tavża lill-partijiet kollha konċernati, skont il-metodi ta' notifika stipulati fir-regolament 13, illi tkun sejra tagħmel investigazzjoni. Fin-notifika tal-korp tas-settur pubbliku konċernat, l-Awtorità għandha tinformah illi hi għandha għalfejn taħseb li dak il-korp tas-settur pubbliku aġġixxa jew qed jaġġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, u għandha tagħti lill-korp tas-settur pubbliku konċernat ħmistax-il (15) jum min-notifika sabiex jwieġeb bil-miktub lill-Awtorità, fejn jiddikjara jekk huwa jikkunsidrax l-ilment bħala wieħed ġustifikat, x'azzjoni jkun bi ħsiebu jieħu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni, skont il-każ, u żmien raġjonevoli li fih ser jimplimenta l-azzjoni kif indikata.

(4) Permezz ta' avviż f'format aċċessibbli lill-reċipjent intiż, l-Awtorità tista', jekk huwa meħtieġ għall-iskop tat-twettiq ta' investigazzjoni, titlob lil kull persuna li –

(a) tagħtiha kull tagħrif illi jista' jissemma' fl-imsemmi avviż;

(b) tipproduċi fir-rigward tal-investigazzjoni d-dokumenti kollha fil-pussess jew fil-kontroll tagħha:

Iżda persuna ma tkunx obbligata li tagħti tagħrif jew tipproduċi xi dokument mitlub mingħandha jekk dik il-persuna titqies eżentata milli tagħti dak it-tagħrif jew tipproduċi dak id-dokument quddiem il-Qorti fi proċedimenti ċivili.

(5) L-Awtorità għandha tikkomunika lill-partijiet konċernati, skont il-metodi ta' notifika stipulati fir-regolament 13, id-deċiżjoni tagħha, fejn tiddikjara jekk il-korp tas-settur pubbliku konċernat naqas li jikkonforma ma', jew jekk aġixxa jew qed jaġġixxi xort'oħra bi ksur ta', xi rekwiżiti stipulati f'dawn ir-regolamenti. Fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet għall-konklużjoni tagħha ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti, u għandha titlob lill-korp tas-settur pubbliku konċernat li jwettaq kwalunkwe azzjoni rimedjali li l-Awtorità tkun tqis neċessarja fiċ-ċirkostanzi f'limitu ta' żmien speċifikat u tinforma lill-korp tas-settur pubbliku li, fin-nuqqas, l-Awtorità tista' tieħu

miżuri ta’ twettiq kif provdut f’dawn ir-regolamenti:

Iżda malli l-Awtorità tirċievi talba mill-korp tas-settur pubbliku konċernat magħmul bil-miktub jew b’mezzi elettroniċi fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika tad-deċiżjoni, tista’ tiddeċiedi li testendi l-limitu ta’ żmien biex il-korp tas-settur pubbliku konċernat jikkonforma mad-deċiżjoni jekk l-Awtorità tqis li ċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu hekk jeħtieġu.

(6) Fil-każ li l-korp tas-settur pubbliku konċernat, li jkun ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Awtorità kif previst fis-subregolament (5), jonqos li jieħu l-azzjoni neċessarja fil-limitu ta’ żmien speċifikat, l-Awtorità tista’ fl-ewwel lok tipproċedi biex tieħu miżura ta’ twettiq li tikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta’ l-isem tal-korp tas-settur pubbliku u tad-deċizjoni tal-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11:

Iżda, qabel ma tieħu miżuri ta’ twettiq skont dan is-subregolament, l-Awtorità għandha toħroġ twissija finali lill-korp tas-settur pubbliku konċernat skont il-metodi ta’ notifika stipulati fir-regolament 13, fejn tistipula limitu ta’ żmien ulterjuri, li m’għandux jeċċedi ħmistax-il (15) jum min-notifika ta’ dik it-twissija, li fih il-korp tas-settur pubbliku għandu jikkonforma mad-deċiżjoni, u fejn tispeċifika l-miżura tat-twettiq li ser tkun meħuda kontra l-korp tas-settur pubbliku fin-nuqqas ta’ tali konformità.

(7) Jekk minkejja l-pubblikazzjoni ta’ l-isem tal-korp tas-settur pubbliku u tad-deċizjoni tal-Awtorità kif provdut fis-subregolament (6), il-korp tas-settur pubbliku jkompli jonqos mit-twettiq tad-deċizjoni ta’ l-Awtorità, l-Awtorità imbagħad tista’ timponi penali amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 11.

Rwol tal-Awtorità.

10. (1) L-Awtorità tkun responsabbli biex twettaq monitoraġġ u infurzar fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti sabiex tassigura l-konformità ta’ siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku mar-rekwiżiti ta’ aċċessibilità stipulati fir-regolament 4.

(2) L-Awtorità tista’ tfittex il-parir ta', u tista' tikkonsulta ma', kull korp jew entità kompetenti oħra fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

Miżuri ta’ twettiq.

11. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9(6), fejn korp tas-settur pubbliku jonqos minn xi wieħed mill-obbligi taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista’ imbagħad fl-ewwel lok tippublika l-isem tal-korp tas-settur pubbliku u d-deċiżjoni tal-Awtorità meħuda skont ir-regolament 9(5) b’kwalunkwe mod li hi tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(2) Jekk minkejja l-miżura tat-twettiq meħuda mill-Awtorità taħt is-subregolament (1) il-korp tas-settur pubbliku jibqa' xorta ma jikkonformax ruħu mad-deċiżjoni tal-Awtorità, l-Awtorità mbagħad tista', fejn id-deċiżjoni ma ġiex appellata, timponi penali amministrattiva ta' mhux aktar minn għoxrin elef euro (€20,000):

Iżda qabel ma tipproċedi biex timponi tali penali l-Awtorità għandha tikteb lill-korp tas-settur pubbliku fejn tavżah bil-penali li tista' tiġi mposta, ir-raġunijiet għal dan, u tagħti lill-korp tas-settur pubbliku perjodu ta' seba' (7) ġranet biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub. L-Awtorità għandha imbagħad tipproċedi biex tiddeċiedi jekk għandhiex timponi penali u jekk tiddeċiedi li timponi penali l-ammont tagħha. Meta tagħmel dan l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet tagħha.

(3) Għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti l-Awtorità tista' meta tieħu miżura tat-twettiq li tinkludi l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni, fid-diskrezzjoni tagħha tippubblika biss riassunt li jikkonsisti fil-punti saljenti tad-deċiżjoni tagħha li hi tqis li hu xieraq fiċ-ċirkustanzi.

Dritt ta' appell.

12. (1) Il-korp tas-settur pubbliku konċernat jew il-kwerelant skont il-każ, jistgħu jagħmlu appell quddiem it-Tribunal minn deċiżjoni tal-Awtorità mogħtija skont dawn ir-regolamenti.

(2) L-effetti ta' deċiżjoni tal-Awtorità li dwarha jkun hemm appell m'għandhomx, ħlief meta t-Tribunal jew il-Qorti tal-Appell, skont il-każ, hekk jordnaw, ikunu sospiżi bħala konsegwenza tal-għemil ta' dak l-appell:

Iżda kull penali amministrattiva imposta mill-Awtorità ma għandhiex tibda tgħodd qabel ma l-korp tas-settur pubbliku li fuqu tkun ġiet imposta l-penali amministrattiva jkun eżawrixxa d-dritt ta' appell previst skont dawn ir-regolamenti, jew sa meta l-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata jkun ħalla jgħaddu l-perijodi perentorji mingħajr ma jkun għamel użu, hu stess, mill-imsemmi dritt ta' appell.

Metodi ta' notifika.

13. (1) Meta l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha konformement ma' dawn ir-regolamenti, id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha minnufih tiġi notifikata lill-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata u lill-kwerelant, skont il-każ, liema deċiżjoni għandha tiġi notifikata jew b'ittra reġistrata lill-indirizz uffiċjali tal-korp tas-settur pubbliku u lill-indirizz tan-negozju jew privat l-aħħar magħruf tal-kwerelant, jew b'mezzi elettroniċi li jipprovdu reġistrazzjoni ta' min jorbot fuqha dwar meta tkun saret in-notifika.

(2) Fil-każ ta' notifika permezz ta' mezzi elettroniċi, id-

deċiżjoni titqies li tkun ġiet notifikata lill-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata, u lill-kwerelant, skont il-każ, meta l-Awtorità tirċievi:

(a) riċevuta elettronika ġġenerata awtomatikament mis-*server* tal-posta elettronika meta tiġi moqrija l-komunikazzjoni; jew

(b) konferma bil-miktub permezz ta' risposta bil-posta elettronika mingħand impjegat tal-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata, u mingħand il-kwerelant, skont il-każ.

(3) Jekk in-notifika ma tiġix effettwata fi żmien ġimgħa mill-ħruġ tad-deċiżjoni għal raġunijiet attribwibbli lill-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata, jew lill-kwerelant, skont il-każ, l-Awtorità għandha tippubblika avviż fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar, li fih jiġi dikjarat li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tal-korp tas-settur pubbliku li lilu d-deċiżjoni hi indirizzata, jew fir-rigward tal-kwerelant, skont il-każ, u li tistieden lil dak il-korp tas-settur pubbliku jew lil dak il-kwerelant, skont il-każ, jiġbor id-deċiżjoni mill-uffiċċju tal-Awtorità. F'kull każ bħal dan, in-notifika titqies li tkun ġiet effettwata fit-tielet ġurnata wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-aħħar avviż.

Applikazzjoni.

14. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw kif ġej:

(a) għas-siti elettroniċi ta' korpi tas-settur pubbliku li ma jkunux ġew ippubblikati qabel it-23 ta' Settembru 2018, mit-23 ta' Settembru 2019;

(b) għas-siti elettroniċi tal-korpi tas-settur pubbliku mhux koperti mill-paragrafu (a), mit-23 ta' Settembru 2020; u

(ċ) għall-applikazzjonijiet mobbli ta' korpi tas-settur pubbliku, mit-23 ta' Ġunju 2021.